**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat numru : 288/14 AL

A B

vs

C D, Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2015 C D giet nominata bhala kuratrici ad litem sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri E B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-konvenuta C D u fil-gurnata ta' l-1 ta' Gunju 2012 twieldet il-minuri E B ;
2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet f'Gunju 2013. Illi huma damu f'din ir-relazzjoni ghal madwar sentejn liema relazzjoni qatt ma kienet xi wahda tajba ;
3. Illi l-esponenti sar jaf li matul ir-relazzjoni li kelllu mal-konvenuta, l-istess konvenuta kienet izzur ta' spiss

persuna l-habs li hi kienet tghid li huwa kugin taghha meta fir-realta, m'huwiex il-kugin taghha ;

4. Illi l-konvenuta spiss kienet tghid lill-esponenti li l-minuri E fir-realta' ma hix il-wild naturali tieghu u fil-fatt huwa baqa' b'dan id-dubju u minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi biex isir it-test tad-DNA biex jigi dikjarat bl-ezatt jekk il-minuri hix il-bint naturali ta' l-esponenti, hija dejjem irrifjutat milli taghmel dan, ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kawza ;
5. Illi ghalhekk fl-1 ta' Gunju 2012 it-tarbija tal-partijiet E B kif jidher mic-certifikat hawn anness giet registrata bhala l-wild naturali ta' A B ;
6. Illi l-attur ghandu interess li tigi impunjata l-paternita' tieghu fil-konfront tal-minuri ;
7. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati l-attur jaf bihom personalment ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-attur A B mhux il-missier naturali tal-minuri E B izda li l-istess E B hija bint missier mhux maghruf;
2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B liema certifikat igib in-numru t'iskrizzjoni 2706/2012 fis-sens illi fil-kolonna intestata isem u kunjom il-missier, jigu ikkancellati il-kliem A B u jissostitwihom bil-kliem "unknown father" u jigu ikkancellati wkoll il-konnotati kollha tieghu imsemmija fl-istess certifikat tat-twelid u r-residenza tieghu, kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk hux haj jew mejjet;
3. Tawtorizza kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tat-testijiet xjentifici kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
2. Illi bla preġudizzju għal premess, għal kull preċiżazzjoni tajjeb li jiġi rilevat li f'każ li tintlaqa' t-talba li E B mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrenti, l-uniċi korrezzjonijiet li jistgħu jiġu effetwati fiċ-ċertifikat tat-twelid (hawn anness u mmarkat bhala Dok "ED1") huma li jiġu kkanċellati l-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bħala missier il-minuri E B u minflok jiġi mniżżel li E B huwa wild ta' persuna 'mhux magħrufa'. Naturalment tajjeb imbagħad li jiġi ssottolinejat li tali korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippreġudikaw lill-missier naturali milli jieħu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-liġi jonkella li l-minuri jressaq proċeduri ta' riċerka ta' paternità;
3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati l- eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri E B, li l-konvenuta C D tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiż-żwieġ talanqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;
4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi in linea proceduralі l-azzjoni attrici hija irrita u nulla stante li tali azzjoni mhijiex kontemplata fil-ligi taghna peress li l-azzjoni ta' denegata paternita tispetta biss ghal tfal imwielda waqt iz-zwieg ta' xi wiehed mill-partijiet u mhux ghal dawk imwielda barra minn zwieg u specjalment fejn l-istess attur kien hu stess li rrikonoxxa lil minuri mar-registrazzjoni fuq l-Att tat-Twelid;
2. Illi sabiex l-attur jista jirnexxi fil-hsieb tieghu li ma jibqax registrat bhala missier it-tifla minuri, huwa jista biss jattakka l-validita tal-Att tat-Twelid abbazi tal-vizzju tal-kunsens tieghu u b'hekk jannulla l-istess Att;
3. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati ghall-ahhar stante li t-tifla minuri hija wild tal-attur;

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghal provvediment ghallum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha eccezzjoni ta' natura legali fis-sens li l-intimata tikkontendi li l-attur ma setax legalment iressaq it-talba gudizzjarja tieghu ghal denegata paternita' tal-minuri E B peress li tali azzjoni m'hijiex kontemplata fil-ligi taghna peress li l-azzjoni ta' denegata paternita' tispetta biss ghal tfal mwielda

waqt iz-zwieg ta' xi wiehed mill-partijiet u mhux ghal dawk imwielda barra miz-zwieg. L-istess intimata tikkontendi li dan hu aktar il-kaz peress li l-attur stess irrikonoxxa lill-minuri u ghalhekk targumenta li l-azzjoni hija irrita u nulla.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghal Artikolu 99 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess***".

Filwaqt li l-Artiklu 100 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li:

"***It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess***".

Dan necessarjament ifisser li l-legislatur jikkontempla azzjoni fejn persuna li ghandha interess, jew it-tifel stess, jattakka l-paternita' – u dan minkejja li tali tifel ikun twieled barra miz-zwieg. Irid jinghad ukoll li l-ligi ma tippermettix diskriminazzjoni bejn tfal mwielda fiz-zwieg u tfal mwielda barra miz-zwieg u z-zewg artikoli citati aktar 'il fuq jaghtu konferma li paternita' ta' tifel tista' tigi attakkata anke jekk it-tifel ikun imwieled barra miz-zwieg. Irid jigi rilevat ukoll li l-legislatur ma jsemmix jew ma jaghmilx distinzjoni bejn min ikun fattwalment irrikonoxxa tali tifel, kif tipprova targumenta l-intimata.

Il-mistoqsija li tibqa' allura hija dik jekk l-attur jistax jigi kkunsidrat bhala 'persuna li ghandha interess' *ai termini* tal-Artikoli citati aktar 'il fuq. Il-Qorti m'ghandha ebda dubju li persuna li rrikonoxxiet tifel u issa ghandha dubji dwar l-istess paternita' ghandha interess bizzejjed biex tressaq l-azzjoni apposita. Anzi jinghad li tali persuna, kif wara kollox huwa l-attur f'dawn il-proceduri, huwa l-aktar persuna (flimkien mal-minuri) li ghandu interess li mhux biss jattakka tali paternita', talli jikkonferma jew le l-veru paternita' tal-istess minuri. F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta bir-rikors

guramentat numru 32/13 deciza nhar it-28 ta' Novembru 2013 fejn f'cirkustanzi identici ghall-kaz odjern (u cioe' fejn l-attur irrikonoxxa minuri li twieled barra z-zwieg u mbaghad wara ressaq azzjoni ghal denegata paternita'), fejn l-istess Qorti rreteniet li l-attur kellu kull interess sabiex jintavola kawza ta' din ix-xorta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara li l-azzjoni attrici hija valida fil-ligi u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.